# MINUTI

## Minuti tat-49 Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qrendi

## It-tmien leġiżlatura

Il-Kunsill Lokali tal-Qrendi ltaqa' fl-uffiċċju tal-Kunsill 7, Triq il-Knisja, il-Qrendi, nhar l-Erbgħa 19 t'Ottubru, 2022, fil-5.30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI

Is-Sindku David Schembri MQR
Il-Viċi Sindku Patrick Bugeja
Il-Kunsillier Daniel Farrugia
Il-Kunsilliera Marion Parnis
Il-Kunsillier Charles Zerafa

ASSENTI B'APOLOĠIJA (Skond Ordni Permanenti 14A(3))

Kulħadd kien preżenti.

UFFIĊJAL

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv Ritienne Giorgino

**Minuti**

Is-Sindku preseda l-laqgħa.

**49.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji**

**49.1.1** Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**49.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

**49.2.1** Il-Minuti tal-48 laqgħa ġew ikkunsidati bħala moqrija.

**49.2.2** Il-Viċi Sindku talab korrezzjoni tal-Minuti, fuq item 48.13.4 li jitneħħew il-kliem *"Is-Sindku talab vot fuq 'change of use' ta' din il-kamra għal librerija lokali. Il-Kunsill unanimament qabel."* Il-Kunsill qabel unanimament u saret il-korrezzjoni relattiva.

**49.2.3** Is-Sindku ressaq il-Minuti għall-approvazzjoni. Il-Kunsillier Daniel Farrugia propona l-approvazzjoni. Il-Viċi Sindku issekonda.
Il-Kunsill unanimament approva l-Minuti bħala dokument korrett, bil-korrezzjoni kif indikata.

**49.2.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**
Ma kienx hemm komunikazzjoni taħt dan l-item.

**49.4 MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI**
Ma kienx hemm mistoqsijiet.

**49.5 TENDERS**

**49.5.1** Is-Sindku informa li wara proċess twil ta' verifikazzjoni, ser jiġu ppublikati dawn it-tenders fil-jiem li ġejjin:

- Tender For The Restoration Of Assets Of Artistic And Cultural Value At Qrendi
- Tender For The Patching Of Roads In A Resource Efficient Manner Which Considers Wider Environmental Impacts, In The Locality Of Qrendi
- Tender For The Works Of Concrete Imprint Works In Various Alleys At Qrendi
- Tender For The Supply, Delivery, Installation And Commissioning Of One (1) Passenger Lift At Qrendi Local Council

Jonqos xi xogħol fuq it-tender tal-knis li qed naħdmu fuqu biex jinħareġ mill-iktar fis.

**49.6** **RAPPORT DWAR IT-TRAFFIKU**

49.6.1 Is-Sindku rrefera għar-rapport tat-traffiku li ġie ċirkolat lill-Kunsilliera. Huwa talab il-kummenti tagħhom ħalli immedjatament ikun jista' jintbagħat. Is-Sindku qal li r-rapport jinkludi l-problemi li l-Kunsill ilu jiddiskuti fuqhom fosthom Triq it-Tempesta, Triq il-Panoramika, Triq Wied iż-Żurrieq u l-problema komuni f'dawn it-toroq ta' sewqan eċċessiv u periklu. Hu qal li r-rapport fih diversi items li tħallew barra u għandhom jiġu diskussi u inklużi. Il-Viċi Sindku qal li għandha ssir laqgħa speċifika biex jiġi diskuss ir-rapport fid-dettall.

49.6.2 Is-Sindku qal li r-rapport jinkludi wkoll kopja tal-bosta emails lill-awtoritajiet fosthom il-LESA u l-Pulizija għal infurzar. Is-Sindku qal li l-problema ħdejn Tal-Maqluba ittaffiet minn meta qed ikun hemm kostantement uffiċjali fil-post li jrażżnu sewqan eċċessiv u abbużi. Huwa qal li speed cameras jirriżulta li mhumhiex effettivi u mhumhiex soluzzjoni tal-problema. Semma wkoll in-nuqqas ta' dawl fejn hemm pedestrian crossings u ssuġġerixxa 'humped' zebra crossings.

49.6.3 Is-Sindku qal li r-rapport diġa ġie ċirkolat u ħeġġeġ lill-kunsilliera jarawh u jibagħtu il-kummenti tagħhom sal-1 ta' Novembru b'urġenza.

**49.7** **POC141/2022 – DIRECT ORDER – ŻIEDA FIL-KUNTRATT TAL-ĠBIR TAL-ISKART**

49.7.1 Is-Sindku qal li sal-lum għad ma hemmx risposta dwar l-applikazzjoni tad-direct order mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Madankollu, il-Kunsill xorta huwa obbligat li jiprovdi is-servizz tal-ġbir ta' skart.

**49.8** **DIRETTIVA 1/2022 – PROĊEDURA ĠDIDA DWAR L-GĦAŻLA TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV**

49.8.1 Is-Sindku qal li llum flimkien mad-Deputat Segretarju Eżekuttiv attenda għal sezzjoni fejn ġie spjegat il-proċess il-ġdid tal-ingaġġ tas-Segretarju Eżekuttiv. Huwa qal li s-sejħa ħa toħroġ b'mod kumplessiv mid-Dipartiment fejn dawk interessati jridu jissottomettu l-applikazzjoni. L-applikazzjonijiet jiġi imbagħad vetted mill-Public Service Commission u tintbagħat il-lista ta' min ikun għażel il-lokalita' bħala preferenza, fejn issir interview minn bord magħżul mill-Kunsill u eventwalment jintagħżel il-kandidat. Is-Sindku informa li s-sejħa ħa tinħareġ il-Ġimgħa 21 t'Ottubru.

**49.9** **SPI.SCI.09.2022 – FINANZJAMENT TA' PROĠETTI KAPITALI – KOMUNITAJIET ISBAĦ U AKTAR B'SAĦĦITHOM**

49.9.1 Is-Sindku informa li l-applikazzjoni kif approvata preċedentement ġiet sottomessa għal proġett b'valur ta' €100,000. Huwa qal li saret laqgħa mal-perit fejn ġew diskussi t-texture u l-iskema tal-kuluri. Huwa qal li hemm bżonn jiġi ingaġġat inġinier biex jiprepara l-ispecifications tat-tender b'mod ħolistiku inkluż il-BOQ. Il-Kunsill unanimament qabel.

**49.10** **SPI.SCI.1.2022 – FINANZJAMENT GĦAL ŻVILUPP U TITJIB FIL-KUNDIZZJONIJIET TAL-PLAYING FIELDS FIL-LOKALITAJIET**

**49.10.1** Is-Sindku informa li l-Kunsill ġie approvat il-finanzjament ta' €45,000 għal din l-iskema. Huwa qal li l-Perit ser jibda jaħdem fuq il-proċess ħolistiku tal-proċurement.

**49.10.2** Is-Sindku talab li jiġi approvat il-bord ta' evalwazzjoni għal kwotazzjonijiet ta' xiri: Is-Sindku, il-Kunsillier Charles Zerafa, is-Sna. Stephania Grixti u d-Deputat Segtetarju Eżekuttiv. Il-kunsill unanimament qabel fuq il-formazzjoni tal-bord.

**49.11** **ITEMS OĦRA TA' XOGĦOL LI JKUN MEĦTIEĠ**

**49.11.1** Is-Sindku informa li qed isir xogħol ta' bini u tranġar ta' ħitan tas-sejjiegħ mill-istudenti tal-BICC fl-area tal-Ħniena. Hu qal li l-area ġiet imnaddfa mid-Dipartiment tal-Cleansing. Is-Sindku qal li ser issir żjara fil-post mis-Segretarju Parlamentari Stafan Zrinzo Azzopardi nhar is-Sibt li ġej fit-8.30am. Is-Sindku stieden lill-Kunsilliera biex jattendu.

**49.11.2** Is-Sindku irrefera għall-korrispondenza li ġiet ċirkolata lil kull kunsillier u informa li din is-sena il-Presidents' Fun Run ser issir fl-20 ta' Novembru. Hu qal li bħas-sena l-oħra, ir-reġistrazzjoni ser issir fil-Kunsilli. Is-Sindku ħeġġeġ lill-kunsilliera jagħmlu promozzjoni fuq il-medja soċjali u li jattendu għall-attivita'.

**49.11.3** Is-Sindku qal li ż-żjara fit-Turkjija fuq bażi reġjonali kienet suċċess. Hu qal li fl-intervent tiegħu, għamel promozzjoni lill-lokalita' tal-Qrendi fuq tema ta' kultura. Hu qal li avviċinawħ għal propost ta' ġemellaġġi u opportunitajiet ta' żjarat interkulturali fil-futur. Is-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk il-Kunsill jikkunsidrax li jinbeda proċess ta' ġemellaġġ ma' din il-belt. Il-Kunsilliera unanimament qablu li isir stħarriġ fuq x'benefiċċji jista jkun hemm għal loikalita' u r-residenti u jibda l-proċess.

**49.11.4** Is-Sindku qal li kien hemm talba għal filming fil-lokalita' għad-durata ta' ġimgħatejn fejn jiġu riservati numru ta' parkeġġi fi Triq il-Kbira. Hu qal li f'din it-triq diġa hemm problema ta' parkeġġi u allura ser jinħoloq inkonvenjent lir-residenti. Intalab li jkun hemm ftehim ta' koperazzjoni iżda dawn ma' aċċettawx ~~u allura ma inħariġx permess~~. * Is-Sindku qal li xhur ilu, kien hemm talba simili fejn kienu qablu li peress li ħa joħolqu inkonvenjent taw donazzjoni ta' €400 li intużaw għal ġid tal-lokalita'. Is-Sindku qal li minn dawn il-filmings il-kumpanija tagħmel qliegħ u dan m'għandux ikun biss għad-detriment tar-resident iżda għandhom iħallu kontribut lill-lokalita'. Il-Kunsill unanimament qabel ma' dan u li biex jinħarġu l-permessi neċessarji għandhom jimxi mal-kundizzjonijiet imposti.

**49.11.5** Is-Sindku qal li attenda bħala Viċi President Reġjonali għal żjara kulturali fir-reġjun ta' Campania l-Italja ma' rappreżentanti oħra tar-Reġjun Punent. Hu qal li ż-żjara kienet interessanti ferm u ta' benefiċċju biex tinħoloq strateġija Kulturali fl-okkażjoni li fis-sena 2024 ir-Reġjun li nagħmlu parti minnu jkun Reġjun tal-Kultura.

* korrezjoni
Peress li kienu ser jintilfu erbà spazji tà parkeġġi għal tul tà żmien, il-permess ma nħariġx.

**49.11.6** Il-Kunsillier Charles Zerafa spjega li kien hemm xi problemi teknići għal 'app' li kien qed jaħdem fuqha dwar il-Qrendi. Is-Sindku rringrazzja lill-Kunsillier u ħeġġu biex ikompli jaħdem fuqha biex jiġu riżolti it-teknikalitajiet u tkun tista' tibda topera mill-iktar fis.

**49.11.7** Is-Sindku semma każ partikolari ta' sewqan eċċessiv li dwaru lest li jitla' jixhed. Hu qal li xeba' jara inċidenti gravi u mhux ħa jċedi sakemm jara li jsir xi ħaġa u ma jibqgħux iweġġgħu nies.

**49.11.8** Il-Viċi Sindku qal li qed ikun hemm 'drifting' fil-parkeġġ ta' Wied iż-Żurrieq. Hu propona li ssir tipo ta' bankina bil-forom tal-parking biex dan jiġi evitat . Is-Sindku qal li dan il-parkeġġ huwa amministrat mill-gvern ċentrali. Hu qal li kien hemm diversi wegħdi biex jiżdied id-dawl u jsiru cctvs imma s'issa għadhom ma twettqux.

**49.11.9** Is-Sindku informa li Infrastructure Malta qed jallokaw ammont ta' toroq biex jinbnew mill-ġdid bħala parti mill-pjan ta' ħidma 2023-2025. Huwa qal li qed tiġi stabbilita lista ta' prijoritajiet u jsir koordinament mal-entitajiet fost l-oħrajn Enemalta u Water Services biex il-proġett isir komplut. Is-Sindku talab lill-Kunsilliera biex iressqu s-suġġerimenti tagħhom biex tiġi fformulata l-lista li trid tintbagħat sat-30 ta' Novembru 2022.

**49.12 APPROVAZZJONI TAL-ISKEDA TAL-PAGAMENTI**

**49.12.1** Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv preżentat l-iskeda ta' pagamenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku propona l-approvazzjoni. Il-Kunsillier Charles Zerafa ssekonda. Il-Kunsill unanimament approva l-iskeda tal-pagamenti kif preżentata.

**49.13 Tmiem tal-laqgħa u aġġornament**

**49.13.1** Il-laqgħa intemmet fis-6.45 ta' filgħaxija.
Is-Sindku propona li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa 19 t' Ottubru 2022 fil-5.30 ta' filgħaxija. Il-Kunsill unanimament qabel.

Konfermati, illum 19 t'Ottubru 2022

David Schembri MQR
Sindku

Ritienne Giorgino
Deputat Segretarju Eżekuttiv